MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tas-26 ta' Frar, 2011

Numru 360/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs.**

**Emanuel Bianchi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Emanuel Bianchi ta' 28 sena iben Alfred u Anna nee' Hayman, mwieled Pieta fil-31 ta' Mejju 1983 u residenti f'Garaxx minghajr numru Triq l-Awrat Xghajra, detentur ta' karta ta' l-identita' bin-numru 287983 (M)

Akkuzat talli:

F'xi zmien qabel is 17 ta' Frar 2011 waqt li kien fi Triq Is-Sur Fgura ikkommetta serq ta' vettura tal-Ghamla Volkswagen Scirocco, liema vettura garaxxjata b'numru

tar-reigistrazzjoni GAQ806, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz, valur li ma jeccedix l-elfejn, tlett mija u disa w ghoxrin ewro u seba' w tletin centezmu ( 2329.37ewro), bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa ghad-detriment ta' Edward Tabone minn Bormla .

U aktar talli, fl-istess zminijiet volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli, u cioe' ghamel hsara li teccedi 1164.69 ewro fuq vettura tal-ghamla Volkswagen Scirocco, liema vettura garaxxjata b'numru tar-registrazzjoni GAQ806 ghad-detriment ta' Edward Tabone minn Bormla.

U aktar talli nhar il-25 ta' Frar 2011 ghal habta ta' 4pm u hinijiet qabel attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta' PC 859 Alistair Micallef persuna inkarigata skond il-Ligi minn servizz pubbliku fil-waqt li kien qieghed jagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn Awtorita` Kompetenti.

U aktar talli nhar il-25 ta' Frar 2011 fl-istess cirkustanzi ingurja, hedded jew ghamel offiza fuq il-persuna ta' PC 859 Alistair Micallef persuna inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li ghamel dan is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew li jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz.

U aktar talli fl-istess cirkustanzi m'obdiex l-ordnijiet Legittimi ta' l-Awtorita' jew ta' uhud inkarigati minn servizz pubbliku, jew ma halliex jew fixkel lil dawn cioe' lil membri tal-Korp tal-Pulizija, lil PC859 Alistair Micallef waqt li kien qed jaghmel id dmirijiet tieghu u billi ma halliehx jaghmel dak li bil-Ligi kien ordnat li jaghmel u jew jista' jaghmel w billi gab fix-xejn jew hassar dak li haddiehor ghamel skond il-Ligi b'mod li jkun.

U nakkuzah ukoll talli zmien qabel is-17 ta' Frar 2011 saq u ghamel uzu minn vettura tal-ghamla Volkswagen Scirocco liema vettura garaxxjata b'numru tar-reigistrazzjoni GAQ806, minghajr licenzja u minghajr ma

kienet koperta b'polza tas-sigurta jew garanzija dwar ir-riskju ta' terzi persuni.

U b'hekk irrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi tal-Qorti liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula jew imhassra u dan ai termini 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti,

Wara li rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputat wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta avzatu bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni, u ikkoncedietlu zmien bizzejjed biex jerga' jikkonsidra t-twegiba tieghu u jerga' lura minnha;

Wara li semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi migjuba u mill-ammissjoni ta' l-imputat stess, il-Qorti issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu.

Illi dwar il-piena, il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija maghmula mill-imputat, il-fatt li huwa ikkopera mal-pulizija – ghalkemm irid jinghad li inqabad *red-handed*, u li l-fedina penali tieghu hija wahda reffrettarja. Il-Qorti ikkonsidrat li mill-fedina penali jirrizulta li l-imputat gie moghti diversi okkazzjonijiet sabiex ibiddel hajtu, izda sfortunatament ma tghallem xejn.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 261 (b) (c) (f), 263, 267, 270, 271, 278(3), 95, 96, 338(ee), 325(1)(a), 49, 50, 17(h) u 17(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 104 u l-Artikolu 15(1) (a) tal-Kap. 65, issib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u tikkundannah ghal tmintax (18)-il xahar prigunerija effettiva.

In oltre il-Qorti tordna li l-imputat jigi skwalifikat milli jkollu jew li jikseb licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax-il xahar minn meta jiskonta l-piena ta' prigunerija

Il-Qorti tordna li l-atti ta' din il-kawza flimkien ma' kopja ta' din is-sentenza jintbaghatu lill-Avukat Generali, skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------